MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-13 ta' April, 2007

Appell Civili Numru. 30/1997/1

**John u martu Giuseppa Cordina**

**v.**

**Dolores Mifsud u Teddy Mizzi**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. Dan hu appell interpost mill-konvenuti minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali, fit-18 ta’ Marzu 2004, li fiha gie ritenut u deciz li gej:

“Il-Qorti,

“Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew:

“Illi huma proprjetarju u fil-pussess ta’ bicca raba accessibbli minn Triq ta’ Wara s-Sur fil-Limiti ta Victoria, Ghawdex, tal-kejl ta’ madwar erba’ kejliet tmiss mit-tramuntana lvant u punent ma’ beni tal-konvenuta;

“Illi dan il-fond huwa accessibbli minn entrata illi a sua volta taghti ghal fuq entrata ohra proprjeta` ta’ l-esponenti u formanti parti mill-fond numru sebgha u sebghin (77) Triq ta’ Wara s-Sur, Victoria, ukoll proprjeta` ta’ l-atturi;

“Illi f’xi zmien wara l-15 ta’ Dicembru 1996, jew xi gurnata ohra qrib dik id-data l-konvenuti jew xi hadd inkarigat minnhom imbarra din l-ewwel entrata b’kantazz; u b’hekk impedew l-access da parti ta’ l-atturi ghar-raba taghhom;

“Illi dan l-agir jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin ghad-dannu ta’ l-esponenti; izda minkejja illi gie interpellat sahansitra permezz ta’ ittra ufficjali sabiex jisporga l-ispoll kommess minnu, il-konvenuti baqghu inadempjenti.

“Illi dan l-agir jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin ghad-dannu ta’ l-attur; izda minkejja illi gejtu interpellati sahansitra permezz ta’ ittra ufficjali sabiex tisporgaw l-ispoll kommess minnek, intom konvenuti bqajtu inadempjenti.

“Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti:

“1. Tiddikjara illi intom jew min minnkom ikkommettejtu spoll vjolenti u klandestin ghad-dannu ta’ l-attur meta fil-15 ta’ Dicembru 1996, jew xi gurnata ohra qrib dik id-data intom konvenuti jew xi hadd inkarigat minnkom imbarrajtu b’katnazz l-access ta’ l-atturi ghar-raba taghhom fuq deskritta.

“2. Tikkundannakom sabiex fi zmien qasir u perentorju illi jigi prefiss inti tisporga l-ispoll kommess minnkom jew min minnkom billi tpoggu kollox fl-istat pristinu tieghu;

“3. fin-nuqqas, tawtorizza lill-attur sabiex jaghmel ix-xogholijiet necessarji huwa a spejjez taghkom konvenuti.

“Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-5 ta’ Frar 1997, u ta’ l-ittra interpellatorja 20 ta’ Jannar 1997, kontra taghkom, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa intom imsejha.

“Bir-riserva ta’ kwalunkwe azzjoni ulterjuri spettanti lill-attur kontra taghom in vista tad-dikjarazzjonijiet skorretti minnkom maghmula fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tal-11 ta’ Awissu, 1995.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi debitament ikkonfermata bil-gurament mill-attrici.

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew illi:

“1. Illi d-domandi attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt billi ma jirrikorrux l-elementi rikjesti mil-ligi sabiex tigi radifikata l-kawza ta’ spoll.

“Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti kkonfermata bil-gurament ta’ Ted Mizzi.

“Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda prodotti, l-affidavits u d-dokumenti ohra esebiti.

“Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

“Ikkunsidrat:

“Illi din hija kawza ta’ spoll. Dwar kawza ta’ dan it-tip gie imfisser illi:

““*In tema legali jinghad li l-‘actio spolii’ hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta’ utilita` socjali milli fuq il-principju assolut tal-gustizzja, u hija eminentement intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess, u jigi impedut li cittadin privat jiehu l-gustizzja f’idejh; b’mod li l-fini taghha huwa dak illi jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat;*

*“L-Art. 572 (illum 535) tal-Kodici Civili, li jikkontempla din l-azzjoni, huwa indubbjament ta’ ordni pubbliku, u huwa inerenti ghall-fatt ta’ min b’awtorita` privata jaghmel ghad-dannu ta’ terza perzuna att li ghalkemm jista’ jkollu dritt ghalih, ma jkunx jista’ jezercitah minghajr l-intervent tal-Qrati (ara Kassazzjoni Torin 1 ta’ Awissu 1879 in re Borboglio v. Fischt, Volum VIII, P. 1, pag. 55 ta’ l-Annali tal-Gurisprudenza). Ma’ dan l-artikolu fuq imsemmi tal-ligi citata, ma ghandux jigi minsi l-Art. 794 (illum 791) tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jahseb u jghid li kontra l-azzjoni ta’ spoll ma humiex ammissibbli hlief eccezzjonijiet dilatorji – dak li huwa konfermat mill-gurisprudenza lokali u estera (ara Vol. XXXI.I.296 Appell 8 ta’ Marzu 1943, in re “Francesco Mifsud vs Michele Cassar”; Vol. XXI.II.83 P’Awla Civili, 20 ta’ April 1916, in re ‘Michelina Falzon vs. Giuseppe Bonello et.’ konfermata fl-Appell fis-26 ta’ Marzu 1917; Kassazzjoni Palermo 27 ta’ Ottubru 1899,in re Decarano vs. Cafici, Foro Catanese Vol. 1889, pagna 124; u dan biex inghataw xi sentenzi);.....”.*[1]

“Illi, ghalhekk, kif gie ripetutament imfisser mill-Qrati taghna, jenhtiegu tliet elementi sabiex tirnexxi kawza bhal din:

“(i) li l-attur kellu l-pussess ta’ kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-haga spoljata (*possedisse*);

“(ii) li gie disturbat f’dan il-pussess (*spoliatum fuisse*); u

“(iii) li ghamel il-kawza fi zmien xahrejn mill-allegat spoll (*infra bimestre deduxisse*).

[1] Margherita Fenech v. Pawla Zammit: Prim’Awla: 12.4.1958. vol. XLII.II.975.

*““Jekk imqar xi wiehed minn dawn ir-rekwiziti essenzjali ma jigix ippruvat, l-azzjoni taqa’ minghajr ma jkun hemm bzonn li jigi indagat jekk jirrikorrux anki r-rekwiziti l-ohra.”*[2]

“Dwar din l-azzjoni il-**Mattirolo** jispjega illi:

““*La reintegrazione del possesso a favore di chi ne fu spogliato e’ una misura di ordine pubblico, e’ un provvedimento diretto a conservare la pace pubblica. L’articolo 695 del Codice Civile applica, in tutto il suo rigore, la regola* ***“spoliatus ante omnia restituendus”****. Il perche’ l’azione di reintegrazione, compiuto lo spoglio, compete a qualunque possessore, astrazione fatta dal carattere del suo possesso, sia pur questo anche solo precario, o di origine illegititma, purche’ pero’ abbia il carattere esteriore dell’esercizio di un preteso diritto.*”[3]

Kuntrarjament pero` ghad-dottrina kontinentali, il-ligi taghna ma tirrikjedix ukoll l-***animus spoliandi***, ghax kif intqal mill-Qorti ta’ l-Appell:

“*“B’liema motiv jew animu* (il-konvenut) *ghamel hekk, huwa ghal kollox irrilevanti. Kif din il-Qorti kellha okkazzjoni tesprimi ruhha fis-sentenza taghha tad-9 ta’ Marzu 1992, in re C. Cardona vs. Francesco Tabone et: ‘il-ligi taghna – fl-azzjoni ta’ l-ispoll – jigifieri fil-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili – ma taghtix lok ghal ebda indagini ohra barra minn dik li tistabilixxi (a) il-fatt ta’ pussess/detenzjoni u (b) il-fatt ta’ li spoll. Indagini limitatissima rigoruza u skarna li ma tinsab f’ebda legislazzjoni ohra u ghalhekk, bir-rispett kollu ghal decizjonijiet li ppermettew indaginijiet ibbzati fuq x’jghidu u ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani, huma ghal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest ta’ l-ordinament guridiku taghna .... L-azzjoni ta’ spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli ’l hadd jiddisturba stat ta’ fatt, arbitrarjament u hija intiza unikament biex iggieghel lill-konvenut li jerga’ jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha, u daqshekk*

[2] Joseph Tabone v. Joseph Flavia sive de Flavia; Appell Civ. 7.3.1958 – vol. XLII.I.
[3] Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano Vol.I. 5 ta. Ed. 1902 Torino, para. 271

*biss – kif jghid bl-aktar mod car l-Art. 791(1) Kap. 12 li sfortunatament jigi hafna drabi injorat'."*[4]

"Ghalhekk sabiex il-Qorti tkun tista' tilqa' t-talbiet attrici, jrid jigi stabbilit biss jekk jezistux fil-kaz in ezami t-tliet elementi msemmija. Mill-provi mressqa rrizulta illi l-atturi qed jilmentaw mill-fatt li l-konvenuti jew xi hadd minnhom wahhal katnazz mal-bieb li minnhom kienu jghaddu biex jaccedu ghal bicca raba li jghidu li ghandhom fin-naha ta' wara tal-proprjeta` llum tal-konvenut Mizzi. Li tpogga dan il-katnazz mill-konvenut Mizzi bil-kunsens tal-konvenuti l-ohra, wara li kien sar il-konvenju ghall-bejgh relattiv, huwa ammess.[5] Li qabel ma sar dan il-katnazz kien hemm access liberu ghal gewwa l-istess fond huwa wkoll ammess.[6]

"Lanqas ma gie nnegat illi dan gara f'anqas mix-xahrejn rikjesi mil-ligi ghal promozzjoni ta' kawza bhal din. L-atturi jsostnu fid-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni taghhom taghhom illi l-att spoljattiv, u cioe` t-tqeghid ta' katnazz mal-bieb ta' fond tal-konvenuti, sehh f'xi zmien wara l-15 ta' Dicembru 1996. Dan ma giex innegat mill-konvenuti.[7] Il-kawza prezenti giet intavolata fl-14 ta' Frar 1997, u allura entro t-terminu ta' xahrejn rikjest mil-ligi.

"Il-konvenuti pero` jikkontestaw il-pretensjoni ta' l-atturi illi dawn qatt kellhom xi pussess kif trid il-ligi fi hwejjeg simili, sabiex ikun jista' jinghad illi huma gew distrubati f'dan il-pussess, u ghalhekk intitolati ghar-reintegrazzjoni. Infatti fin-Nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom il-konvenuti jissottomettu illi l-atturi f'dan il-kaz ma ppruvawx li huma kienu fil-pussess ta' access liberu mill-bieb li jaghti ghal gewwa l-fond taghhom.

"Dwar l-element tal-*possedisse* li huwa mehtieg sabiex tirnexxi kawza ta' spoll inghad:

[4] Rosina Agius et. Vs Angelo Agius et 2; kollez. Vol. LXXVIII. Pt. II P319.
[5] Ara deposizzjoni Anthony Mifsud tat-13.4.2000 a fol. 138 tal-process u affidavit Ted Mizzi tad-19.2.2001 a fol. 156
[6] Ibid.
[7] Ibid.

""*Illi l-ewwel rekwizit, kwindi, sabiex l-azzjoni tar-rintegrazzjoni tista' tigi milqugha bil-favur, huwa li l-instanti jkollu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-haga li fuqha jkun pretiz li sar l-ispoll. L-espressjoni wzata mil-ligi – "***possession of whatever kind***" – dak li jinteressana f'dan il-kaz – tikkomprendi tant il-pussess civili kemm dak semplicement naturali, u anki dak vizzjuz; imma pero` tesigi dejjem f'dak li jippromwovi din l-azzjoni xi pussess; l-ghaliex, jekk l-attur f'kawza bhal din li fuqha qeghdin nitkellmu ma jkunx ippossjeda l-haga, l-azzjoni hija destinata li ma tirnexxiex*."[8]

"Huwa ferm pertinenti x'jghid l-awtur Taljan gia` citat f'dan ir-rigward:

""*E' vivamente controverso se l'azione di reintegrazione, oltre al possessore, competa al detentor, cioe` a colui che ritiene la cosa a nome altrui. A nostro avviso, la risoluzione della questione dipende esclusivamente dal vedere se il detentore sia, o no, un possessore: perche', se lo e', l'azione di reintegrazione, che e' accordata per possesso 'qualunque esso sia' (art. 695), non potra' al certo essergli negata.*

"*Giusta la definizione, che l'articolo 685 ne da' del possesso, questo puo' cadere tanto sulle cose corporali, quanto sulle incorporali ...; nel primo caso, esso si presenta sotto la forma della detenzione di una cosa; nel secondo, sotto l'aspetto del godimento di un diritto che si esercita. Ma in intrambi i casi, a costituire il possesso sono necessari due elementi: il corpo e l'animo; cioe` il fatto esteriore della detenzione della cosa o dell'esercizio del diritto; l'animo, ossia la volonta' del possessore di possedere per se'.*

*"Questa volonta`, quest'animo, secondo la nozione odierna del possesso, occorre in diversi modi, secondo che si tratti – del possesso legittimo, tutelato dall'azione di manutenzione – o del possesso semplice, garantito soltanto con l'azione di reintegrazione – pel primo e'*

[8] Fenech vs. Zammit gia` citata

*necessario l'animus domini, val quanto dire la volonta` di ritenere la cosa come propria, di esercitare il diritto come proprio, pel secodo, basta l'animo nel possessore di tenere la cosa o l'esercizio del diritto per se', independentmente da ogni pretesa sulla proprieta` della cosa, sulla spettanza del diritto che di fatto si esercita."*[9]

"Din tidher li hija wkoll il-posizzjoni fil-ligi taghna. Infatti sew l-Artikolu 535 tal-Kap. 16, kemm l-Art. 791 tal-Kap. 12 isemmu li tenhtieg il-prova tal-"fatt tal-pussess jew detenzjoni" u mhux "il-pussess" biss. La din mhix kawza ta' manutenzjoni tal-pussess, ma hi allura mehtiega l-ebda prova ta' pussess legittimu.

"Irrizulta fil-kaz in ezami, illi l-atturi u l-awturi taghhom fit-titolu kienu jghaddu mill-bieb in kwistjoni, ghalkemm mhux daqstant ta' spiss, sabiex jacceddu ghal mandra retrostanti l-fond illum tal-konvenut Mizzi. Dan ma setghux jibqghu jaghmluh hekk kif twahhal il-katnazz imsemmi. Mhux daqstant rilevanti ghall-iskopjiet ta' din il-kawza fejn ezattament tinsab din il-mandra u xi kwalita` ta' titolu jista' ghandhom l-atturi fuqha. Apparti l-affidavits ta' l-istess atturi,[10] hemm id-deposizzjoni ta' l-anzjan FranciS Zammit, li wkoll ghandu raba retrostanti l-fond tal-konvenuti u huwa midhla sew ta' l-inhawi. Dan ix-xhud stqarr illi dejjem jiftakar li l-passagg ghall-mandra li l-familja ta' l-attrici kellhom wara dan il-fond, kien minn il-proprjeta` tal-familja tal-konvenuta Mifsud. Kompla jghid li meta din il-mandra giet offruta lil missieru biex jixtriha, dan m'accettax appuntu ghax "*ma riedx jidhol f'xibka*", billi ried jevita l-inkwiet li kien jinqala' kull darba li kien jigi ezercitat dan l-access. Infatti jiftakar illi meta nxtrat mill-familja ta' l-attrici, kienet thawwlet bis-sigar tal-bajtar tax-xewk, biex ma jkollhomx ghalfejn jidhlu hafna. Ikkonferma wkoll illi minhabba l-katnazz li tqieghed fil-bieb tal-fond in kwistjoni, l-atturi ma setghux jaccedu aktar gewwa din il-mandra.[11] Fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghhom, il-konvenuti jitfghu hafna dubji fuq il-kredibilita` ta' dan ix-xhud, minhabba li huwa habib kbir ta' l-attur. Il-Qorti, li kellha

[9] Op. cit. Footnote pag. 255 - 256
[10] Dokti. JC. 1 u JC. 2 a fol. 84 - 86
[11] Ara deposizzjoni Francis Zammit tal-5.2.1998 a fol. 63 - 81

okkazzjoni tisma’ dan ix-xhud *viva voce*, u li minkejja l-eta` tieghu, kien lucidu hafna f’dak li qal, ma tarax ghalfejn m’ghandhiex temmnu.

“Ghal dawn il-motivi, peress illi gie ppruvat sodisfacentement li jezistu l-elementi mehtiega mil-ligi sabiex tirnexxi kawza bhal din, tiddeciedi l-kawza billi, filwaqt illi tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti, tilqa’ t-talbiet attrici u

“1. tiddikjara illi l-konvenuti kkommettew spoll vjolenti u klandestin ghad-dannu ta’ l-atturi u dana meta fil-15 ta’ Dicembru 1996, jew xi gurnata ohra qrib dik id-data, il-konvenut Mizzi bil-kunsens tal-konvenuta l-ohra imbarra b’katnazz l-access ta’ l-atturi ghar-raba deskritta fic-citazzjoni;

“2. konsegwentement tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex jisporgaw l-ispoll minnhom kommess, billi jerghu jpoggi kollox fl-istat pristinu tieghu u dan fi zmien xahar mil-lum; u

“3. fin-nuqqas li jaghmlu dan fiz-zmien huwa koncess, tawtorizza lill-atturi jaghmlu huma x-xogholijiet mehtiega, u dan a spejjez ta’ l-istess konvenuti.

“L-ispejjez tal-kawza, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-5 ta’ Frar 1997, u ta’ l-ittra interpellatorja tal-20 ta’ Jannar 1997, ikunu a karigu tal-konvenuti.”

**<u>L-APPELL TAL-KONVENUTI DOLORES MIFSUD U TEDDY MIZZI</u>**

2. Il-konvenuti Dolores MIfsud u Teddy Mizzi hassewhom aggravati bid-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali, kif hawn fuq riportat fil-korp ta’ din is-sentenza, u ghalhekk huma interponew appell minn din is-sentenza ghal fini li din is-sentenza tigi revokata minn din il-Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi.

**<u>IR-RISPOSTA TA’ L-APPELL TA’ L-ATTURI JOHN U MARTU GIUSEPPA CORDINA</u>**

3. L-atturi wiegbu li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita li tigi kkonfermata fl-intier taghha.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

4. Il-konvenuti avvanzaw erba' aggravji in sostenn ta' l-appell taghhom. In succint, dawn l-aggravji huma s-segwenti:

(1) li l-ewwel Qorti kellha fl-ewwel lok tara u tezamina jekk l-access pretiz mill-appellati kienx tassew iwassal ghal xi lok iehor fil-pussess jew proprjeta` ta' l-atturi. Dan ghaliex id-dritt ta' access jista' jkun rilevanti biss bhala mezz biex tintlahaq l-art. Kawza ta' spoll li ma twassal ghal ebda konsegwenza effettiva hija proceduralment improponbbli;

(2) li l-ewwel Qorti ma applikatx korrettement l-element tal-pussess rikjest sabiex tirnexxi l-kawza ta' spoll;

(3) li l-ewwel Qorti ddecidiet il-kawza billi strahet fuq provi li ghall-finijiet ta' l-ispoll huma kompletament irrilevanti;

(4) li l-ewwel Qorti naqset milli taghti d-debita importanza u li tagixxi "fuq l-ispergur kommess bl-iktar mod flagranti" da parti ta' l-atturi nfushom.

5. L-ewwel aggravju kif fuq dedott jaghti spunt lil din il-Qorti biex fil-qosor taghti kwadru in succint tal-fatti tal-kawza. L-atturi allegaw li huma kienu jaghmlu uzu minn passagg li huwa proprjeta` tal-konvenuti, liema passagg jinsab fi Triq ta' Wara s-Sur, Victoria, Ghawdex, meta f'daqqa wahda sabu li l-access minn dan il-passagg gie rez impossibbli bi tqeghid ta' katnazz ad istanza tas-sidien konvenuti. Il-konvenuti la jichdu li mbarraw l-access permezz ta' dan il-katnazz u lanqas li l-azzjoni ta' l-atturi saret entro t-terminu legali ta' xahrejn kif hemm stipulat fil-Kodici Civili. Il-kwistjoni tirrigwarda ghalhekk l-element tal-pussess. Pero` l-konvenuti qeghdin imorru oltre u qeghdin jippretendu li, qabel xejn, l-ewwel Qorti kienet fid-dmir li tindaga ghalxiex sewwa sew kellu jservi dan l-access, fis-sens li kemm-il darba ma kien iwassal ghal ebda proprjeta` fil-pussess ta' l-atturi, allura jkun ifisser li l-bazi ta' l-azzjoni tkun legalment monka.

6. Din il-Qorti jidhrilha li mill-provi akkwiziti ghandu jirrizulta sufficjentement li l-atturi rnexxielhom jippruvaw illi huma kienu jippretendu li aktar 'il gewwa minn dan il-passagg huma kienu jippossjedu raba, kif ukoll mandra, li setghu jintlahqu minn dan il-passagg. M'huwiex, u ma kienx zgur, il-kompitu ta' l-ewwel Qorti li toqghod tidhol f'ezami dwar it-titlu vantat mill-attur fuq dan ir-raba u mandra vis-à-vis il-konvenuti, jew li toqghod tezamina fejn hija kollokata l-mandra msemmija mill-atturi. Dan l-ezercizzju jezorbita minn kawza ta' spoll konnessa ma' pretensjoni fuq uzu liberu ta' dritt ta' access li kien isir minn passagg u li f'daqqa wahda safa' arbitrarjament maghluq min-naha tal-konvenuti appellati. Issa jekk tezistix ukoll kwistjoni separata dwar il-pussess ta' dak ir-raba min-naha tal-konvenuti jew minn haddiehor, dan huwa ghal kollox irrilevanti ghall-kawza in dizamina. Li hu rilevanti ghar-rizoluzzjoni tal-kawza hu l-fatt dwar jekk kienx minnu jew le li l-atturi kienu gieli jaghmlu uzu minn dan il-passagg, anki jekk b'mod mhux frekwenti anzi spasmodiku, ghaliex f'kaz affermattiv dan juri allura li pussess tassew ezista, imqar jekk dan il-passagg kien jintuza wkoll fl-istess waqt mill-konvenuti appellanti jew l-awturi taghhom *qua* sidien. Azzjoni ta' spoll m'ghandha qatt taghti lok biex minn kawza wahda jfaqqsu ohrajn li m'ghandhom x'jaqsmu xejn ma' l-allegat spoll: jew hemm pussess jew ma hemmx. L-ewwel aggravju ghalhekk huwa infondat u qed jigi michud.

7. Fit-tieni aggravju l-konvenuti appellanti jissottomettu li l-prova tal-pussess fil-fatt, prova necessarja f'kawza ta' spoll, kienet nieqsa. Bil-fatt biss li l-bieb tal-fond tal-konvenuti ma kienx jinzamm imsakkar u b'tali mod allura li l-atturi, meta riedu, setghu jidhlu fir-razzett proprjeta` taghhom ma setax jissarraf fi dritt ta' access kif invece pretiz mill-atturi.

Dwar dan l-aggravju, din il-Qorti hija tal-fehma li huwa kompletament infondat ghar-raguni li hawn ukoll tressqu provi sufficjenti da parti ta' l-atturi biex jissostanzjaw il-premessi taghhom fl-att tac-citazzjoni li huma mhux semplicement qabdu u accedew u ghamlu uzu mill-

passagg *de quo* semplicement ghaliex kien jinzamm miftuh mis-sidien u dawn ma waqqfuhomx. Il-provi juri anzi li l-atturi, jew l-awturi taghhom, kienu juzaw tassew dan il-passagg biex jaccedu ghal raba iehor li kien jinsab aktar ’il fuq, u li ghamlu wkoll zmien li fih addirittura kellhom affarijiet fih bhalma huma antarjoli li jintuzaw fit-tizjin fil-granet tal-festa. Per ezempju, l-attur John Cordina (ara fol. 23 – 49 tal-process) xehed kif hu u nies il-mara tieghu kienu jaccedu minn dan il-passagg billi l-istess passagg kien iservi bhala “entrata komuni” kemm ghalihom u kemm ghall-konvenuti. Il-konvenuti jidhrilhom li x-xiehda moghtija mill-parti attrici kienet frott ta’ spergur imma dan huwa argument ta’ natura differenti dwar kredibilita` u li fil-fatt huwa l-meritu tar-raba’ (u f'certu sens anke tat-tielet) aggravju tal-konvenuti u ghalhekk ser jigi trattat izjed ’il quddiem. Il-konvenuti ma gabu ebda prova konvincenti li xxejjen il-pretensjoni ta’ l-atturi dwar l-uzu li kienu jaghmlu kultant zmien mill-passagg *de quo*. Jallegaw biss li l-atturi kienu qeghdin jigbdu, u li kienu qeghdin jippruvaw japprofittaw ruhhom a skapitu taghhom. Il-Qorti jidhrilha li t-tieni aggravju huwa infondat billi mhux sorrett mill-provi akkwiziti u qieghed jigi respint ukoll.

8.1 Fit-tielet aggravju l-appellanti jsostnu li x-xiehda moghtija mix-xhud Francis Zammit, prodott mill-atturi, “ma kellha qatt tkun ta’ ghajnuna ghall-atturi, anzi kellha tkun determinanti sabiex twassal ghall-falliment ta’ dak li (l-atturi) qed jitolbu”.

L-appellanti jsostnu li dan ix-xhud lanqas kien wiehed attendibbli ghax id-deposizzjoni tieghu mhux biss kienet mimlija kontradizzjonijiet imma kienet tirreferi ghall-uzu ta’ l-art u mhux ghall-uzu ta’ l-access mill-passagg *de quo*. Oltre dan, ix-xhud sostna li l-passagg kien mizmum imsakkar salv access meta dan jintalab lis-sidien.

8.2 Din il-Qorti ezaminat ix-xiehda moghtija minn Francis Zammit u ma sabitx dawk il-“kontradizzjonijiet” rilevati mill-appellanti konvenuti b’tant animu. Dan kollu qieghed jinghad apparti l-konsiderazzjoni fundamentali f’aggravji ta’ din il-kwalita` bbazati fuq apprezzament u evalwazzjoni

ta’ provi ta’ fatt, fejn din il-Qorti ta’ revizjoni ma tiddisturba qatt leggerment dik id-diskrezzjoni ezercitata mill-Qorti ta’ l-ewwel grad li tkun semghet u kkontrollat ix-xiehda prodotta quddiemha. *Multo magis* meta din il-lanjanza tkun ingiebet ghall-konsiderazzjoni ta’ dik l-istess Qorti, u dik il-Qorti tkun esprimiet ruhha b’mod kategoriku hafna kwantu segue fis-sentenza moghtija minnha,
“Fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet taghhom il-konvenuti jiftghu hafna dubji fuq il-kredibilita` ta’ dan ix-xhud (i.e. Francis Zammit), minhabba li huwa habib kbir ta’ l-attur. Il-Qorti, li kellha l-okkazzjoni tisma’ dan ix-xhud ‘viva voce’, u li minkejja l-eta` tieghu, kien lucidu hafna f’dak li qal, ma tarax ghalfejn m’ghandhiex temmnu.”

Din il-Qorti, wara li gharblet mill-gdid il-provi, u dan fid-dawl tas-sottomissjonijiet tal-partijiet u tenut kont ukoll ta’ dak li gie ritenut mill-ewwel Qorti, hija tal-fehma li dan l-aggravju bhal dawk ta’ qablu huwa infondat u kwindi qieghed jigi respint.

9. Fl-ahharnett u b'referenza ghar-raba' aggravju hija l-fehma tal-Qorti li dak li gie kkostatat u deciz mill-ewwel Qorti (ara sentenza appellata) huwa korrett u ma tirravviza ebda spergur da parti ta' l-atturi. Konsegwentement anke dan l-aggravju qed jigi michud.

10. Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma in toto s-sentenza appellata tichad l-appell interpost mill-konvenuti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontrihom, u b’dan ukoll li t-terminu ta’ xahar prefiss mill-ewwel Qorti ghall-fini ta’ l-ispurgar ta’ l-ispoll ghandu jibda jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------